Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,558, 18 ta' Diċembru, 2025
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXXIX tal-2025

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex ikompli jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.

ACT No. XXXIX of 2025

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to further amend the Constitution of Malta.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

18 ta’ Diċembru, 2025

ATT Nru XXXIX tal-2025

ATT sabiex ikompli jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b’liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att hu l-Att tal-2025 li jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta (Emenda Nru 2) u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni ta’ Malta, hawn aktar ’il quddiem imsejħa l-"Kostituzzjoni".

Sostituzzjoni tal-artikolu 4 tal-Kostituzzjoni.

2. L-artikolu 4 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Innu Nazzjonali.

4. L-Innu Nazzjonali ta’ Malta huwa "L-Innu Malti" li jibda bil-kliem "Lil din l-Art Ħelwa l-Omm li tatna isimha", bis-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Diċembru jkun Jum l-Innu Malti.".

Żieda ta’ artikolu ġdid fil-Kostituzzjoni.

3. Minnufih wara l-artikolu 5 tal-Kostituzzjoni għandu jiġi miżjud l-artikolu ġdid li ġej:

"Belt Kapitali.

5A. Il-Belt Kapitali ta’ Malta hija Il-Belt Valletta (Città Umilissima).".

A 850

Emenda tal-artikolu 66 tal-Kostituzzjoni.

4. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 66 tal-Kostituzzjoni minnufih wara l-kliem "is-subartikolu (1) tal-artikolu 5," għandhom jiġu miżjuda l-kliem "l-artikolu 5A,".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 422 tas-16 ta' Diċembru, 2025.

DAVID AGIUS
Deputy Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati